Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 16 ta' Lulju 2026**
**(OR. en)**

**11642/26**

**CDR 126**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar żewġ membri u żewġ membri supplenti, proposti mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu, fil-Kumitat tar-Reġjuni<br>- Adozzjoni |

1. Permezz ta' ittri tas-6 ta' Frar 2026[1], tad-9 ta' April 2026[2], tal-20 ta' April 2026[3], u tad-29 ta' Mejju 2026[4], is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sur Alexandre DONNERSBACH, membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, u tas-Sur Ricardo MARQUES, membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni, kif ukoll bi tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sa Natalie SILVA, membri tal-Kumitat tar-Reġjuni, u s-Sa Linda GAASCH, membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni, ġew proposti għall-ħatra u nħatru.

2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi, jaħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni.

[1] 6160/26.
[2] 7591/26.
[3] 7592/26.
[4] 9352/26.

3. F'konfortmità ma' dik id-dispożizzjoni u sabiex jiġi sostitwit is-Sur Alexandre DONNERSBACH u s-Sa Natalie SILVA, il-Gvern Lussemburgiż ippropona lis-[5]Sur Philippe GENGLER, *Membre du Conseil communal de la Commune de Lenningen* (Membru tal-Kunsill Muniċipali tal-Komun ta' Lenningen), u s-Sa Annie NICKELS-THEIS, *Membre du Conseil communal de la Commune de Bourscheid* (Membru tal-Kunsill Muniċipali tal-Komun ta' Bourscheid), bħala membri tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.

4. Barra minn hekk u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sa Linda GAASCH u s-Sur Ricardo MARQUES, il-Gvern Lussemburgiż ippropona[5] lis-Sa Jessie THILL, *Membre du Conseil communal de la Commune de Walferdange* (Membru tal-Kunsill Muniċipali tal-Komun ta' Walferdange), u lis-Sur Marc Michel Marguerite Charles URY, *Membre du Conseil communal de la Commune de Grevenmacher* (Membru tal-Kunsill Muniċipali tal-Komun ta' Grevenmacher), bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument 11640/26, u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

---

[5] 11636/26.